**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY J. VELLA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Lulju, 2021**

**Rikors nru: 254/2020 AGV**

**AB**

**vs**

**CD, EF u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' AB datat 28 ta' Dicembru, 2020, fejn esponiet bir-rispett u ppremettiet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti twieldet fl-10 ta' Lulju, 1990 minn GB (xebba H) hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. AM 1.

2. Illi skond l-istess certifikat tat-twelid Dok. AM 1 ir-rikorrenti giet iskritta bhala wild GB xebba H u ta' missier mhux maghruf (unknown father).

3. Illi fil-kolonna tal-annotazzjonijiet tal-istess certifikat Dok. AM 1 hemm imnizzel illi b'att tan-Nutar Michel Dingli tat-12 ta' Lulju, 1993 l-intimat EF irrikonoxxa lir-rikorrenti bhala bintu naturali u sussegwentement b' talba tal-Avukat Frank Cassar ghan-nom tal-mizzewwgin C u GB r-rikorrenti giet legittimata "per subsequens matrimonium."

4. Illi GB (omm ir-rikorrent) u l-intimat EF isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood tas-7 ta' Mejju, 2014.

5. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-intimat CD mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti izda l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti huwa l-intimat CD in kwantu r-rikorrenti giet koncepita mir-relazzjoni li ommha GB kellha mal-istess CD qabel iz-zwieg.

6. Illi l-fatt li l-intimat CD huwa l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti huwa kkonfermat minn test tad-DNA datat 12 ta' Gunju, 2020 kopja annessa bhala Dok. AM 2.

7. Illi mitlub sabiex jersaq ghar-rikonoxximent tar-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju, 2020, l-intimat CD wiegeb li ma hux jopponi ghat-talba – kopja tal-ittra ufficjali u risposta hawn annessi bhala Dok. AM 3.

8. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportun u ghar-ragunjiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat CD huwa l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti AB.
2. Konsegwentement tordna li l-att tat-twelid tal-istess rikorrenti AB Dok. AM 1 jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva u kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwiti bil-kliem "CD" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-twelid tal-istess CD u jsiru l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet l-ohra kollha talvolta mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid sabiex jigi rifless illi l-misser naturali u bijologiku tar-rikorrenti huwa CD.

3. Tghati kull provvediment iehor li talvolta jista' jkun mehtieg ghall-finijiet ta' din il-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Risposta Guramentata ta' CD li eccepixxa s-segwenti:-

Illi filwaqt illi l-esponenti qieghed jirrimetti ruhu ghat-talba kif dedotta fir-rikors guramentat ta' AB l-esponenti jixtieq illi jgib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li huwa qatt ma gie nfurmat jew inghata xi hjiel mir-rikorrenti illi hu seta' kien il-misser naturali taghha u ghal liema raguni hu m'ghandu jbati ebda spejjes la ta' dawn il-proceduri u lanqas ohrajn li jistghu jsegwu.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa s-segwenti :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrenti ma ddikjaratx abbazi ta' liema artikolu tal-ligi qed tigi msejsa din l-azzjoni. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti ghandha taghmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriserva d-dritt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

2. Illi in linea preliminari ukoll u b'referenza ghat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva li missier ir-rikorrenti fic-certifikat tat-twelid mhuwiex indikat bhala « missier mhux maghruf, » skond l-istess certifikat tat-twelid, missier ir-rikorrenti huwa EF . Ghalhekk it-tieni talba kif dedotta hija improponibbli u konsegwentement jehtieg li tintalab korrezzjoni taghha ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi peress li EF u GB zzewwgu wara t-twelid tar-rikorrenti AB , din tal-ahhar hija meqjusa *iuris et de iure* bhallikieku dejjem kienet imnissla u mwielda matul iz-zwieg u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 101 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-esponent qieghed jassumi li din l-azzjoni qiedgha ssir ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi tenut kont tar-rekwiziti li hemm imnizzla fl-Artikolu 77 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun xieraq u opportun li omm r-rikorrenti GB tigi msejsa sabiex hija ukoll twiegeb ghat-talbiet maghmula mir-rikorrent.

5. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jecepixxi illi qabel ma tigi trattata l-paternita' tar-rikorrenti GB ghandha tigi meghluba l-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentament ghal din l-Onorabbli Qorti jigi ppruvat li l-pussess ta' stat taghha ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha stess.

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li m'huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat.

7. Illi r-rikorrenti jehtigilha illi tipprova u tissodisfa wahda mir-rekwiziti li jelenka Artikolu 77 tal-Kodici Civili. Ghal dan il-ghan, ir-rikorrenti pprezentat rapport tat-test genetiku illi jikkonferma li hija proprju bint l-intimat CD. Madanakollu, jonqos illi l-imsemmi test jigi mahluf mit-tekniku li wettqu.

8. Illi f'kaz li jirrizulta li r-rikorrenti mhijiex il-wild naturali tal-konvenut EF izda hija l-wild ta' CD , l-esponent jistieden lill-intimat CD sabiex permezz ta' nota jisspecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament : (1) in-numru tal-karta tal-identita' tieghu ; (2) ismu u kunjomu ; (3) l-eta' tieghu meta twieldet l-attrici, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet ir-rikorrenti, (6) isem u kunjom missieru, u (7) jekk missieru kienx ghadu haj meta twieldet ir-rikorrenti. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid ta' AB bin-numru progressiv 3657/1990.

9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi ghandu jigu ukoll deciz b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi r-rikorrenti AB

10. Illi finalment u dejjem minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qiedgha minn issa ngunta in subizzjoni.

B'digriet tal-20 ta' April, 2021, giet kjamata fil-kawza omm l-attrici GB li ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Omm l-attrici GB kellha lill-attrici u kienet irregistrata fuq « unknown father." Gara li mbaghad bdiet tohrog mal-konvenut EF u zzewwgu fl-4 ta' April, 1992. In segwitu ghal dan, il-konvenut EF kien irrikonoxxa lill-minuri A bhala bintu permezz ta' kuntratt li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Michel Dingli fit-12 ta' Lulju, 1993 u sussegwentement b'talba tal-Avukat Dr. Frank Cassar, ghan-nom tal-mizzewwgin E u GB l-attrici giet legittimata "per subsequens matrimonium" u dan sehh fis-26 ta' Marzu, 1997.

Eventwalment il-konjugi F sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.Margaret Heywood u dan sehh fis- 7 ta' Mejju, 2014.

Illi l-attrici qed tikkontendi li l-missier naturali u bijologiku taghha mhuwiex EF, izda GB. Dan kollu gie kkonfermat mill-istess CD, kif ukoll minn omm l-attrici GB.

Dan il-kaz gie istitwit a bazi tal-artiklu 77 tal Kodici Civili u skond id-Direttur tar-Registru Pubbliku qabel ma tigi kkonfermata l-paternita' tal-attrici, ghandha tigi meghluba l-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza **Mark Fenech Laudi vs Irina Fenech Laudi et noe**. Rik. nru: 44/18 AGV deciza fit-30 ta' Mejju, 2019, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 77 u l-Artikolu 81 tal-Kodici Civili saret hekk:-

ARTICLE 77 (b)

*"Article 77 (b) reads as follows:-*

*"Without prejudice to the provisions of article 81, the filiation of a child born in wedlock may also be impeached by any person interested:*

*(b) if he proves that, during the said time, the wife had committed adultery, and furthermore produces evidence of any other fact which may also be genetic and scientific tests and data that tends to exclude the husband as the natural father of the child."*

*This disposition of the law is subjected to the prevailing article 81 of the Civil Code, which goes on to state:-*

*"(1) No person may claim a status contrary to that which is attributed to him by the act of birth as a child conceived or born in wedlock and the possession of a status in conformity therewith.*

*(2) Likewise, it shall not be lawful to contest the status of a child conceived or born in wedlock in respect of a person who possesses a status in conformity with his act of birth."*

*For the plaintiff to proceed under Article 77 (b), the Court must first and foremost ensure that by proceeding by such an action, no prejudice would be caused to the minor in terms of Article 81. By creating such presumption at law, the legislator wanted to uphold the social and legal interests of the child, more than the biological interests at stake, in the sense that it would be more detrimental to a child to find himself suddenly declared to be illegitimate once again, when he was legitimated for all intents and purposes at law. One cannot simply overturn a child's life upside down after having brought him up within a family structure, with a person who he always considered as his parent, who maintained him and even gave him his surname.*

*Article 81 also derives from the presumption specified in Article 67 that states:-*

*""A child conceived in wedlock is held to be the child of the spouses."*

*The reasoning behind these two presumptions of the law was made clear in the case* ***Anthony Grima vs Josianne Grima***[1] ***- "l-iskop centrali tal-ligi huwa l-protezzjoni tal-istabbilita' familjari li jkunu ghixu fiha l-ulied u li ghalhekk f'din ic-cirkostanza din l-istabbilita' familjari ghandha tipprevali fuq kwalunkwe dritt ta' terzi****."*

*In the case* ***AB vs Direttur tar-Registru Pubbliku et****. deciza fl-10 ta' Lulju, 2013 the Court reiterated as follows:-*

***"Ezaminati dawn l-artikoli appena citati, hija l-fehma tal-Qorti illi peress li l-artikolu 77 u 77b A huma subordinati ghall-Artikolu 81, isegwi illi jekk l-att tat-twelid juri li tifel jew tifla huwa imnissla jew imwielda matul iz-zwieg u ghandhom il-pussess ta' stat ta' tifel jew tifla mnissla jew imwielda matul iz-zwieg, allura hadd, lanqas l-istess missier differenti mir-ragel ta' ommhom. Meta jikkonkorri l-elementi kontemplati fl-artikolu 81, il-ligi nostrana taghti valur notevoli lill-pussess ta' stat ta' wild imwieled minn koppja mizzewwga.***

***Necessarju ghalhekk jigi ezaminat f'hiex jikkonsisti il-pussess ta' stat ta' wild imnissel jew imwieled fiz-zwieg, imsejjah fil-ligi taghna bhala "l-istat ta' iben legittimu."***

---

[1] 36/2012 deciza 24 ta' Marzu, 2015

*Artiklu 80 tal-Kap.16 intitolat "L-Istat ta' Iben Legittimu huwa maghmul minn gabra ta' fatti" jipprovdi illi:-*

*"(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu u sabiex jikkolokah;*

*(c) Illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;*

*(d) Illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja."*

The Court continued to explain the raison d'etre behind Article 81 of the Civili Code – "***Il-kwistjoni ghalhekk tirriduci ruhha ghall-apprezzament tal-provi dwar jekk il-minuri ghandux stat ta' iben imwieled minn koppja mizzewwga jew inkella ghandux stat li huwa imwieled minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn mara mizzewwga u ragel li ma hux zewgha.***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet "**Marco Vella vs Pauline Cassar et**." iccitata ukoll mill-konvenut Direttur fin-nota tieghu jinghad hekk:-

***"Dak li jissejjah ir-raison d'etre ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huma jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'incarnazione della formula solenne "pater is est quem justae nuptiae demonstrat." (Diritto Civile Vol. 1 para 49 page 76).***

*Fil-kawza **"Anthony Grima vs Josianne Grima et**." deciza fid-19 ta' April, 2012, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid fir-rigward tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap.16:-*

***"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex icahhad lill-ulied mill-istat ta' ulied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex icahhadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-art.81 (2) u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att ta' twelid tieghu."***

*However, the Court went a step further and expressed itself in this way:-*

***"Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-awtoritajiet pubblici ntimati li kwalunkwe realtá biologika ma ghandhiex tipprevali fuq il-presunzjoni legali li hija bbazata fuq realta' familjari u socjali. Fil-kaz tal-lum, il-presunzjoni legali hija mera tar-realta' familjari u socjali…..u l-presunzjoni naxxenti minn din ir-realta' m'ghandhiex tigi disturbata minhabba realta' biologika."***

***"Din il-Qorti hija tal-fehma li l-presunzjoni legali hija skond il-ligi ghaliex parti mhijiex prekluza milli tikkontesta l-paternita'. Il-presunzjoni legali ghandha skop legittimu ghaliex qedgha hemm sabiex tipprotegi d-drittijiet u libertajiet tal-minuri u ghalhekk qeghda tissalvagwardja l-ahjar interess taghhom. Il-presunzjoni legali hija ukoll mehtiega f'socjeta demokratika sabiex thares ic-certezza legali fir-relazzjonijiet familjari sabiex fl-ahjar interess tal-ulied jipprevali."***[2]

*The Court felt it was important to highlight the significance of Article 81 in that it contemplates and safeguards what are the rights of the minor child that are ultimately supreme. However, the Court cannot delve into the rationae materiae of this Article vis a' vis the case at issue, as it would be delving into the merits of the case and its function today, is to determine whether on the facts produced, plaintiff satisfied the grounds to make a claim on the basis of Article 77 (b), because this would then lead to a very*

[2] Anthony Grima vs Josianne Grima, Kost.36/2012 deciza fl-24 ta' Marzu, 2015

*delicate and sensitive case, which outcome could leave positive or negative impacts on the persons involved.”””*

F’dan il-kaz, l-attrici kien diga’ kellha l-istat ta’ wild legittima stante li kien hemm ir-rikonoxximent taghha mill-konvenut EF kif ukoll saret il-legitimazzjoni taghha tramite z-zwieg.

Il-fatt li l-konvenut CD kkonferma li huwa missier l-attrici, u l-istess testijiet tad-DNA jikkonfermaw dan, mhux ser jaffettwa l-istat tal-attrici bla ebda mod, anzi huwa fuq l-inizjattiva taghha li fethet dina l-kawza. Ghalhekk mhux ser isoffri ebda pregudizzju u l-istat taghha ta’ wild legittimu ser jibqa’ hemm, huwa biss il-missier naturali u bijologiku taghha li ser jinbidel, haga li l-istess attrici tixtieq gialadarba fethet il-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici.
2. Tilqa’ t-tieni talba attrici b’dana pero’ li l-attrici ghandha tipproduci fi zmien gimaghtejn millum id-dettalji tal-konvenut CD li ghandhom jitnizzlu fic-certifikat tat-twelid tal-attrici.

L-ispejjez ghandhom jinqassmu bejn il-konvenut CD kif ukoll il-kjamata fil-kawza GB.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**